# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 7**

**Rikors numru 179/11/1 MCH**

**Karen Sciberras u b'digriet tat-18 ta' Marzu 2013 il-Qorti ordnat korrezzjoni f'kunjom ir-rikorrenti sabiex dan ġie jaqra "Vella Sciberras" minflok "Sciberras"**

**v.**

**Fiona mart Vincent Bondin u l-istess Vincent Bondin**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressqet l-attriċi fit-22 ta' Frar, 2011, u li jaqra hekk:

> "1. Illi r-rikorrenti, li hija spiżjara, hija wkoll sid l-ispiżerija magħrufha bħala The Cross Pharmacy numru 859, Triq Kbira San Gużepp ġewwa l-Ħamrun, fliema spiżerija r-rikorrenti tużaħ ukoll bħala beauty therapy

centre u ilha tiġestixxi l-istess spiżerija kemm bħala tali kif ukoll bħala beauty centre bħala sid għal tmien snin u fuqhom.

2. Illi f'Novembru tas-sena 2008, ir-rikorrenti kienet impjegat magħha bħala sales girl fl-imsemmija spiżerija u beauty centre lill-intimata Fiona Bondin.

3. Illi qabel ma ġiet impjegata l-intimata kif fuq intqal, ir-rikorrenti dejjem kellha impjegati magħha sales girl oħrajn u fil-perijodu minn meta bdiet topera l-ispiżerija u beauty centre sakemm impjegat magħha lill-intimata, l-ispiżerija u l-beauty centre, sena wara sena, dejjem irreġistraw żieda kemm fuq is-sales kif ukoll fuq il-profitti kif jiġi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

4. Illi malli ġiet impjegata l-intimata bħala sales girl, ir-rikorrenti bdiet tinnota illi għalkemm il-klijentela tagħha baqgħat dejjem tiżdied u għalkemm ix-xiri tal-istocks tal-ispiżerija komplew jirreġistraw żieda għal xi raġuni jew oħra l-bejgħ u/jew l-introjtu tal-ispiżerija u l-beauty centre, mhux talli ma rreġistrax l-istess żieda iżda beda jonqos u jonqos sostanzjalment tant illi fejn qabel l-ispiżerija u l-beauty centre kienu iddawwru qligħ b'mod illi r-rikorrenti qatt ma kienet toħroġ flus biex titfa' ġewwa l-kont bankarju tan-negozju tagħha. Bdiet regolarment tinqala' l-ħtieġa illi r-rikorrenti titfa' flejjes ġewwa l-kont bankarju operat mill-imsemmi negozju billi dan il-kont flok jiżdied bħal ma kien jagħmel qabel, jew jibqa' piu o meno fl-istess ilma, beda jonqos u jonqos sostanzjalment.

5. Illi r-rikorrenti kellha fiduċja għamja fl-intimata tant illi għal ħafna żmien qatt ma daħlilha f'moħħa li setgħat kienet l-impjegata tagħha, ċioe` l-intimata, li kienet qed timiżapproprja l-flejjes li ddaħħal l-ispiżerija u l-beauty centre mill-bejgħ ta' kuljum kif lanqas daħlilha suspett li l-intimata kienet saħansitra qed tisraqilha l-istock; ir-relazzjoni li kienet dejjem teżisti qabel ftit xhur ilu, bejn ir-rikorrenti u l-intimata kienet waħda prattikament ta' membri tal-istess familja.

6. Illi l-accountant tar-rikorrenti, li bħar-rikorrenti kien dejjem mhedi fuq xogħlu baqgħa għal ħafna żmien jipprova jsib raġuni għad-diskrepanzi li beda jara kif fuq intqal u kien biss f'dawn l-aħħar xhur illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-accountant tagħha ħadu l-briga li jippożżizjonaw ġewwa l-ispiżerija CCTV cameras li permezz tagħhom ir-rikorrenti u l-accountant tagħha setgħu janalizzaw jekk id-diskrepanzi kienux ġejjin minn serq li kienu qed jagħmlu l-klijenti tal-ispiżerija jew setgħetx kienet l-intimata stess il-kaġun ta' dawn is-diskrepanzi.

7. Illi wara diversi ġimgħat fejn dawn il-cameras ġibdu lill-intimata timmiżappropja ta' kuljum mijiet kbar ta' Euro kif ukoll li tneħħi minn fuq l-ixkafef tal-ispiżerija stock li jkun għal bejgħ u minflok li tbiegħu titfgħu fil-handbag tagħha u toħroġ bih mingħajr ma tħallas għalih, kif ukoll li tonqos regolarment u ta' kuljum li tippanċja l-bejgħ li tkun għamlet u minflok iddaħħal il-flus tal-bejgħ f'butha, ir-rikorrenti għaddiet biex

tagħmel rapport lill-Pulizija Eżekuttiva fejn għadditilhom DVDs ta' dak li kien ilu jirreġistra ic-CCTV fuq imsemmi għal diversi ġimgħat u fejn fih tidher bl-iżjed mod ċar u inekwivoku l-intimata tgħodd l-eluf ta' euro li serqet mingħand l-employer tagħha kollox kif jiġi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

8. Illi t-taqsima tal-Fraud Squad, tas-CID tal-Pulizija Eżekuttiva, wara illi lilha ġiet mgħoddija l-evidenza fuq riferita kienet arrestat lill-intimata u kienet għamlet search fil-proprjeta` tagħha u ta' żewġha, l-intimat l-ieħor jew minnhom posseduti fejn instabu diversi oġġetti li kienu meħuda mill-intimata illegalment u b'mod kriminuż u fejn ukoll l-intimata kienet ammettit mal-Pulizija li hija fil-fatt kienet ħadet diversi flejjes mit-till tal-cash register kif ukoll ma kienetx rreġistrat diversi atti ta' bejgħ u li kienet ukoll serqet stocks mill-ispiżerija kollox kif jidher ċar fid-DVD lilha murija.

9. Illi l-intimata pero jidher li ammettiet biss is-serq li kienet għamlet u li ma setgħatx ma tammettix għalih minħabba d-DVDs imsemmija pero` ċaħdet illi s-serq li kienet tagħmel kien ilu jsir minnha sa mill-bidu nett tal-impjieg tagħha mar-rikorrenti.

10. Illi minħabba din iċ-ċaħda u wkoll minħabba li wara li r-rikorrenti skopriet bit-telf li kienet qed tagħmel l-ispiżerija hija inkarigat lil accountant tagħha biex jagħmel rapport tal-istocks kollha li ġew mixtrija minn meta daħlet taħdem l-intimata mar-rikorrenti, il-bejgħ li sar matul dak iż-żmien u/jew il-progress li kienet għamlet u għadha qed tagħmel l-ispiżerija fix-xiri ta' stocks anke fiż-żmien meta ma kienetx għadha impjegata l-intimata mar-rikorrenti, sabiex permezz tal-istess rapport tkun tista' toħroġ ċifra tal-ammont illi ġie misruq jew b'mod ieħor mittieħed illegalment mill-intimata b'dannu għar-rikorrenti. Dan ir-rapport li għalkemm sar kważi x-xogħol kollu fuq, għadu ma ġiex ikkompletat u għaldaqstant ma setax jiġi anness f'dan l-istadju, wassal lil accountant tar-rikorrenti jikkonkludi li l-figura meħuda illegalment u b'mod kriminuż mill-intimata hija ċifra li tlaħħaq sitt figuri.

11. Illi interpellata tagħmel tajjeb għad-danni kollha minnha ikkaġunati lir-rikorrenti permezz ta' talba magħmula mill-Avukat ta' fiduċja tagħha lill-Avukat ta' fiduċja tal-intimata, dan ta' l-aħħar insista illi la darba l-provi permezz tad-DVD kienu jirrigwardaw is-serq li sar biss fiż-żmien minn meta is-CCTV ġie installat, sad-data tal-arrest tal-intimata, ir-rikorrenti ma kellha l-ebda triq oħra ħlief li tistitwixxi dawn il-proċeduri.

12. Illi żewġt l-intimata, parti wkoll f'din il-kawża bħala intimat, ma setax ma kienx konsapevoli u għalhekk kompliċi ma' martu f'dan is-serq ukoll minħabba l-fatt illi huwa impjegat ma' soċjeta` kummerċjali li sidha jiġi missier martu u li miegħu u ma' din is-soċjeta` Vincent Bondin jaħdem bħala deliveryman, jikkonsenja u jqassam prodotti farmasewtiċi eżatt kif tagħmel l-ispiżerija ġestita mir-rikorrenti. Hekk ukoll ma setax ma kienx kompliċi ma martu l-intimat Vincent Bondin meta f'dawn l-

aħħar xhur flimkien ma martu xtara diversi oġġetti ta' valur bħal Toyota convertible, Plat Station, kelb tar-razza li jiswa' ħafna flus, electric guitar, xtrat ħafna debbijiet, bidlet il-mobile tagħha tlett darbiet f'temp qasir meta, fl-ewwel perijodu l-impjegat ruħha mar-rikorrenti ħlief tokrob il-miżerja ma kienetx tagħmel.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premezz:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati jew minn minnhom ilhom sa mill-bidu nett tal-impjieg tal-intimata mar-rikorrenti jimmiżappropjaw kemm flejjes kif ukoll stocks ta' mediċini, kosmetiċi, fwejjaħ, toiletries u ħwejjeġ oħra mibjugħa jew offerti għall-bejgħ mill-farmaċija proprjeta` ta' u ġestita mir-rikorrenti.

2. Tillikwida l-ammont hekk miżżappropprjat kemm għal dak li għandu x'jaqsam flejjes kif ukoll dak li għandu x'jaqsam ma stocks u dana jekk hemm bżonn permezz ta' periti li jiġu nnominati għal dan l-iskop.

3. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom u in solidum bejniethom iħallsu lir-rikorrenti in linea ta' danni dik is-somma li tiġi hekk illikwidata.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru maħruġa mir-rikorrenti kontra l-intimati fis-7 ta' Frar, 2011 kif ukoll bl-ispejjeż li r-rikorrenti kienet kostretta tidħol għalihom biex tkun tista' ġġib il-prova tas-serq u l-miżapropprjazjoni pperċepita kontra tagħha u wkoll bl-ispejjeż legali li kienet kostretta tħallas u għad trid tħallas 'il quddiem bħala parte civile fil-kawża kriminali li ġiet miftuħa minnha kontra l-intimata u li tinsab pendenti quddiem il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi, u b'dawk l-ispejjeż ukoll li kienet kostretta tħallas u li għad trid tħallas lil accountant tagħha minħabba l-akkadut u bl-inġunzzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u bl-imgħaxijiet legali".

2. Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuti li in forza tagħha eċċepew illi:

"1. Illi qabelxejn l-intimat Vincent Bondin għandu jiġi meħlus mill-ħarsien tal-ġudizzju u dana billi hu ma kellu xejn x'jaqsam mal-fatti hekk esposti fir-rikors maħluf promotorju u jiċħad kategorikament l-allegazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu fil-premessa numru ħdax [12] tar-rikors maħluf promotorju;

2. Illi l-konvenuti jqisu l-pretensjoni attriċi hekk kif ikkontenuta u dedotta fir-rikors maħluf promotorju bħala waħda infondata fil-fatt u fid-dritt u per konsegwenza għandha tiġi miċħuda minn din il-Qorti;

3. Illi, fi kwalunkwe każ u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-attriċi trid tipprova fl-ewwel lok l-ammonti li hija qiegħdha ssostni li ġew derubati lilha u fit-tieni lok li dawn l-ammonti effettivament ittieħdu mill-konvenuta Fiona Bondin u dana tenur tal-prinċipju proċedurali "incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat";

4. Illi, mingħajr ebda pregudizzju għas-suespost u fi kwanlukwe każ, il-pretensjoni ta' l-attriċi hekk kif riżultanti mill-ammont imniżżel minnha fil-mandati ta' sekwestru kawtelatorju ġja` mressaq minnha hija waħda esaġerata;

5. Salv difiżi ulterjuri hekk kif permessi mill-liġi".

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru, 2016, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża:

"...billi filwaqt tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u tillibera lill-konvenut Vincent Bondin mill-ħarsien tal-ġudizzju, peress li ma ġiex ippruvat li kellu x'jaqsam mal-miżappropriazzjoni mwettaq mill-konvenuta;

Tilqa' l-pretensjonijiet attriċi limitatament fil-konfront tal-konvenuta Fiona Bondin, billi tiddikjara li hija kkommettiet miżappropriazzjoni ta' flejjes, mediċini u oġġetti oħra mill-proprjeta tal-attriċi, bil-konsegwenza li kkaġunat danni lill-attriċi;

Tillikwida l-ammont hekk miżappropriat, kif ukoll in linea ta' danni fis-somma ta' €50,000, bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza, li fiha qegħda ssir il-likwidazzjoni;

Spejjeż għandhom jiġu sopportati in kwantu għal sehem minn ħamsa mill-attriċi (1/5) u in kwantu għal erbgħa minn ħamsa (4/5) mill-konvenuta Fiona Bondin".

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**Provi**

Illi r-rikorrenti qegħda tallega li l-intimata, Fiona Bondin wettqet miżappropriazzjoni fil-konfront tagħha, meta l-intimata kienet impjegata bħala salesgirl magħha fl-ispiżerija The Cross Pharmacy, numru 859, Triq il-Kbira San Gużepp, ġewwa l-Ħamrun, f'liema spiżerija, l-attriċi kienet topera wkoll Beauty Therapy Centre. Qiegħed jiġi sostnut mill-

attriċi li l-intimata kienet tapproprja ruħha kemm minn flus kif ukoll minn stock li tagħhom il-konvenuta ma ħallsetx, filwaqt li jingħad fil-konfront tal-intimat, żewġ l-intimata, għandu wkoll jiġi miżmum responsabbli għad-danni, peress li ma setax ma jindunax meta nxtraw ħafna affarijiet ta' ċertu valur, u għalhekk jiġi argumentat li bilfors kien kompliċi ma' martu f'dan is-serq.

Mill-provi saljenti miġbura fl-atti jirriżulta, li l-attriċi esebiet ix-xhieda miġbura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, fil-kawża kriminali li l-Pulizija Eżekuttiva fetħet kontra l-intimata, dwar l-istess allegazzjonijiet ta' serq imressqa mill-attriċi fil-konfront tal-intimata. Fosthom wieħed isib ix-xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla, li xehed li wara li sar rapport mill-konsulent legali tal-attriċi, Dr Kenneth Grima, fejn ġie rapportat każ ta' miżapproprjazzjoni jew serq da parti ta' Fiona Bondin, Mario Vella, dak iż-żmien partner tal-complainant, taħ kopja ta' CCTV li minnu deher ċar x'kienet qegħda tagħmel l-istess Fiona Bondin, fejn ħadet flus mill-cash till u titfagħhom fil-but tal-ġakketta u wara tmur titfagħhom fil-basket, kif ukoll pilloli u oġġetti oħra li ukoll kienet titfagħhom fil-basket tagħha. Wara dan l-ispettur ottjena l-mandati meħtieġa sabiex arresta l-imputata Fiona Bondin minn fejn kienet taħdem fi Cross Pharmacy stess. Wara li ngħatat twissija li kellha dritt tkellem avukat tagħha qabel tiġi nterrogata mill-pulizija, hija inizjalment ċaħdet l-akkużi magħmula fil-konfront tagħha, iżda meta konfrontata bic-CCTV footage, ammettiet biss għal dak li rriżulta mic-CCTV, peress li qalet li bdiet tagħmel dawn l-affarijiet biss fil-ġranet li għaddew u mhux qabel. Ċaħdet li kienet ilha tisraq u tieħu affarijiet mill-ispiżerija għal żmien twil u baqgħet tinsisti li ħadet biss ftit ewro bħala flus u ftit oġġetti. Ġiet ippreżentata l-istqarrija ffirmata mill-imputata Fiona Bondin, kif ukoll il-flokk li fih kienet taħbi l-affarijiet, il-handbag tal-imputata u oġġetti mediċinali oħra li nstabu fid-dar tal-imputata, fosthom Panadols, Viagra ecc. u 21 euro li nstabu fuq l-imputata, li hija stess qaltilhom li kienu parti mill-flus li kienet serqet fl-istess ġurnata meta ġiet arrestata. Irriżultalu wkoll li meta l-vittma nfurmat lill-imputata li CCTV ma kienx qed jaħdem, mentri fir-realta kien qiegħed jaħdem, fejn l-ammont ta' attivita u fil-mod ta' serq żdiedet u dan kif jidher mill-istess video. Ġie nterrogat ukoll ir-raġel tal-imputata fejn innega u deher sorpriż b'dak li kienet qegħda tagħmel il-mara.

Xehed PS Gordon Borg li kien preżenti għall-arrest ta' Fiona Bondin, li kkonferma dak li ntqal mill-Ispettur Abdilla u qal ukoll li minn tfittxija li saret fil-vettura tal-imputata ma nstab xejn. L-istess jingħad minn WPC Marcelle Mifsud li wkoll kienet preżenti għall-arrest u li wettqet it-tfittxija fuq il-persuna ta' Fiona Bondin u fil-bwiet tal-ġakketta sabitilha 5 ewro karti, 10 ewro karti, flimkien ma' sitt muniti ta' 2 ewro Mit-tfittxija mill-handbag u mill-vettura tal-imputata rriżultat fin-negattiv. Mentri minn tfittxija fir-residenza tal-imputata, wara li ġiet mistoqsija kellhiex xi mediċinali fil-pussess tagħha, ħadithom f'boxroom minn fejn ħarġet diversi mediċini.

Meta x-xhud Mario Vella, partner tal-attriċi, xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, huwa qal li l-intimata kienet ċemplet lill-attriċi biex tara jekk

għandhiex xi xogħol u peress li l-attriċi kienet ilha tafha minn mindu kellhom sittax-il sena u kellha bżonn l-għajnuna, daħlitha taħdem maggħa. Huwa jiddeskrivi li kellhom fiduċja kbira fiha u filwaqt li l-għarusa tiegħu kienet taqdi lill-klijenti tagħha fil-beauty salon fuq in-naħa ta' wara tal-ispiżerija, l-intimata kienet tieħu ħsieb il-klijenti fl-ispiżerija, kienet taqdi n-nies, kif ukoll tieħu ħsieb il-cash u tħallas lis-suppliers permezz ta' ċekk li kien ikun fil-kexxun lest għalihom. Hija kienet l-uniku impjegata li kellhom fiż-żmien in kwistjoni u bdew jitħassbu meta bejn Novembru 2008 u April 2010, meta l-kont tal-bank beda dejjem nieżel, tant li kellhom jagħmlu numru ta' bank transfers minn kont ieħor. Vella jispjega li kienu joperaw l-ispiżerija permezz ta' kont bankarju li fih kienu jsiru id-depożiti prattikament kull ġimgħa, kif ukoll kien jintuża biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-ispiżerija. Huwa ddeskriva xenarju fejn l-ispiżerija li kienet ilha topera għal 8 snin kellha l-bejgħ dejjem tiela, iżda li dan waqaf tiela minn meta kienet impjegata magħhom is-sinjura Bondin. Fl-aħħar tal-ġurnata kienet tittieħed X reading, filwaqt li fl-aħħar tax-xahar kienet tittieħed Z reading, li wkoll bdew jindikaw li s-sales kienu neżlin. Fil-fatt minn eżerċizzju li sar ta' stock taking, l-accountant tal-attriċi, John Falzon, rriżultalu li kien hemm diskrepanza ta' madwar €49,000, filwaqt li kien hemm diskrepanza ta' 'l fuq minn €3,000 fil-każ tal-mobile cards. Diskrepanza fil-cash kien fl-ammont ta' €107,031.

Wara li rriżultaw dawn id-diskrepanzi, ġie deċiż li tiġi nstallata CCTV bi tnax-il camera minn angoli differenti, għall-ħabta ta' Diċembru, 2010, peress li kellhom suspett li kien qiegħed ikun hemm xi serq min-nies li jiġu fl-ispiżerija. L-intimata kienet taf bl-installazzjoni tal-cameras. Vella jgħid li kien qiegħed jikkontrolla x'kienu qegħdin jagħmlu n-nies meta ra lill-intimata timxi lura u tagħmel idha fil-but. Qabad jara camera minn angolu differenti u raħa tieħu l-flus, taffiġa fejn il-magna tal-flus u titfagħha fil-but. Mill-camera viċin l-istore raħa titfa stock fit-basket, xi drabi anke kaxxa sħiħa, filwaqt li f'okkażjonijiet oħra kienet tieħu prodotti għall-bejgħ minn fuq l-ixkaffef, tipprovahom u imbagħad titfagħhom fil-basket, jew tiekol u tixrob minnhom. Dan kien għall-ħabta ta' Jannar 2011 u kellem lill-konsulent legali tiegħu, li kiteb ittra lill-Ispettur u sussegwentement ħadlu d-DVD tac-CCTVs li ttieħdu bejn l-10 ta' Jannar, 2011 u s-7 ta' Frar, 2011. Huwa jgħid li minnu jirriżulta li kien hemm ġranet fejn l-intimata kienet tisraq bejn sitt darbiet u tmien darbiet kuljum, b'hekk hemm irrekordjat madwar 110 clips ta' serq. Meta waqfet taħdem magħhom l-intimata, l-bejgħ tal-ispiżerija rkupra u reġa beda tiela'. Din ix-xhieda madankollu ġiet emendata fis-seduta ta' wara, peress li x-xhud sussegwentement irriżultalu, li kien hemm numru ta' suppliers li kienu għadhom ma tħallsux. Mistoqsi mill-Qorti tal-Maġistrati min kellu aċċess għall-cash, Vella rrisponda li kienu l-ispiżjara, l-intimata u hu (meta kien imur l-ispiżerija wara l-5pm wara x-xogħol) li kellhom aċċess. In kontro-eżami Vella xehed li kienu hu u l-ispiżjara biss li joperaw il-kont tal-overdraft tal-ispiżerija, ċekkijiet ma kenux jiġu mħejjija mill-intimata, filwaqt li l-profitt marġinali tagħhom kien ta' 17% għall-mediċini u 20% għat-toiletries.

Mix-xhieda tal-attriċi Karen Sciberras quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, jirriżulta li hija kemm spiżjara, kif ukoll beauty therapist u topera l-ispiżerija bl-isem "The Cross Pharmacy and Health and Beauty Centre". Hija kienet taf lill-intimata għal snin twal peress li meta kellha l-ewwel job f'Wied il-Għajn, missier l-intimata kellu azjenda li ġġib il-mediċini u hija kienet iċċemplilha għall-ordni. L-attriċi għall-ewwel fetħet beauty salon u wara xtrat permess għal spiżerija, għalhekk fil-bidu impjegat beauty therapist biex toqgħod fis-salon, filwaqt li hija kienet taqdi lill-klijenti tal-ispiżerija. Għalkemm damet tħaddem żewġ beauty therapists għal perjodu ta' madwar sentejn kull wieħed, l-aħħar waħda kienet tiddejjaq tagħmel xogħol ieħor fl-ispiżerija li l-attriċi kellha bżonn ukoll. Kien hawn li l-intimata bgħatet messaġġ lill-attriċi tistaqsi għal xi job u peress li din tal-aħħar kellha bżonn l-għajnuna, qabdet ċemplitilha. L-intimata bdiet taħdem magħha mal-ewwel, f'Novembru, 2008, u peress li kienet tafha, la talbitha CV u lanqas kondotta. Xogħol l-intimata kien li tipprezza, tistiva, tieħu ħsieb l-istore, l-istock take, tħallas lill-aġenti permezz ta' ċekkijiet li kienet tħallilha l-attriċi, u kellha ħafna liberta.

Tgħid ukoll li bdiet tinduna bid-diskrepanza kif għamlu l-ewwel stock take u l-istess accountant tagħha ġibed l-attenzjoni li għalkemm kellha ħafna purchases, ma kellhiex daqshekk profitt. L-attriċi bdiet tipprova tnaqqas mill-istock, iżda bdiet ukoll taqa' lura fil-pagamenti, peress li ma kellhiex dak il-cash flow meħtieġ. Kienet tgħid lill-konvenuta wkoll li kienet sejra ħażin. Hija kienet iżżomm rendikont tal-bejgħ u tgħid li sat-2006 kienet tiela l-graph, u mbagħad wara li telgħat, fit-2008-2009 niżlet, u niżlet aktar għall-perjodu, 2009-2010. Kellha tagħmel trasferiment ta' ammonti sostanzjali ta' flus, minn kont ieħor personali li kellha fil-bank. L-accountant ma kellux spjegazzjoni għajr li l-attriċi kienet qegħda tinsteraq jew min-nies jew mill-impjegata, iżda l-attriċi kienet taħlef għall-konvenuta, u għalhekk qalilha biex tagħmel il-cameras. Kien l-għarus tagħha, Mario li kien wara x-xogħol jintefa jara l-films biex jara x'kien qiegħed jiġri. Tispjega li għalkemm il-biċċa l-kbira tal-cameras kienu jidhru, kien hemm xi tlieta jew erbgħa moħbijin. L-intimata quddiemha kienet ferħet li ġew installati l-cameras ħalli ma toqgħodx il-ħin kollu għassa man-nies. Kien Mario Vella li raħa tagħmel mossa wara li qdiet lill-klijenta, għaffġet il-karta ta' €20 u tefgħetha tiġri fil-but li kellha fil-ġakketta. L-intimata kienet tilbes dejjem l-istess ġakketta, li kellha żewġ bwiet u għalkemm ġieli kienet tħoss is-sħana, baqgħet tinsisti li tilbisha. Minn fuq il-camera nqabbdet ukoll li sakemm kienet tmur fl-istore tagħmel cafe, sakemm tagħli l-kitla, titfa' xi ħaġa fil-handbag. L-attriċi ħaditha bi kbira peress li qatt ma stenniethа minnha, l-aktar meta kienet tgħidilha li sejra ħażin u li ma tistax tifhem x'qed jiġri u l-intimata ma kienet tgħid xejn. Tgħid li s-sales li minn €1,300, kienu niżlu għal €700 jew €650 fiż-żmien in kwistjoni meta kien hemm Bondin impjegata magħha, u wara li telqet, reġgħu bdew jaqbżu l-€1,000. Meta skoprew x'kien qiegħed jiġri, talbu parir lill-avukat li qalilhom ikomplu jiffilmjawha, minkejja li kienu jafu li qegħda tisraq biex ikollhom il-provi. Damu jiffilmjawha għal xi xahar u dejjem isibuha tieħu l-flus.

Xehed ukoll l-accountant tal-attriċi John Falzon, li kien jagħti servizz tal-accountancy bħal VAT returns, financial statements u jissottometti returns tat-taxxa sa minn meta bdiet topera Karen Sciberras fl-operat tagħha, għalhekk parti minn xogħolu kien li jżomm il-fatturi u li jiġbor iż-Z readings. Huwa kien jaf lil Fiona Bondin bħala salesgirl peress li ġieli nzertaħa fil-ħanut. Fil-bidu jiddeskrivi n-negozju tal-ispiżjara li kellu l-volum tal-bejgħ tiela bil-mod u li ma kellhiex daqshekk profit, peress li kellha ħafna spejjeż u għalhekk ma kellhiex profitability fl-ewwel ftit snin. Fl-2010, l-ispiżjara kienet avviċinatu peress li kienet qegħda tara li kellha problema li għalkemm kien ikollha s-sales, iżda ma kenitx qegħda tara l-flus tagħhom. Għalkemm intalab jivverifika, kellu xi problemi ta' saħħa u mbagħad wara l-episodju ta' Jannar 2011, intalab joħroġ ir-riżultat tad-diskrepanza fl-istocks. Huwa spjega l-eżerċizzju li għamel biex jara l-istocks attwali, fejn tagħmel kollox at cost, taqbad l-opening stocks (li kienu għamlu l-attriċi u l-intimata fl-aħħar tas-sena 2008) plus il-purchases (skond il-fatturi excluding VAT), plus il-promozjonijiet mogħtija mis-suppliers (meħuda mill-invoices) u minn dak tnaqqas is-sales at cost (miz-Z readings tal-cash register) għal żmien sentejn sabiex tasal eżatt għal stock position. Għalkemm dawn kellhom suppost jaqblu, irriżulta li meta kkumpara l-closing stock li rriżulta mal-closing stock fiżiku li għamlu l-attriċi u l-intimata, ir-riżultat kien negattiv, kemm għas-sena li għalqet 2009, kif ukoll għal dik tal-2010. L-ewwel darba id-diskrepanza kienet ta' €49,000, li sussegwentement kienet riveduta għal €41,323 (id-deficiency fl-istock fuq perjodu ta' sentejn bejn l-2009 u l-2010). L-istess diskrepanza rriżultat fil-każ tal-mobile cards fejn ra l-bejgħ li sar tal-mobile cards tul sentejn (inkluż l-element tal-VAT) u rriżultat diskrepanza ta' €3,721. L-eżerċizzju dwar id-diskrepanza fil-cash ma sarx minnu iżda minn Mario Vella li wrieh il-graph ta' kif niżlet tul iż-żmien li kienet impjegata Fiona Bondin. Fis-seduta sussegwenti ppreżenta wkoll rendikont ta' cash shortage li kien hemm bejn 2009 u 2011, fejn ħareġ differenza ta' €117,235.

Ġie eżaminat b'reqqa l-elenku esebit bħal Dok. KG1 a fol. 83 tal-proċess, li jirrifletti siltiet miġbuda fuq CCTV camera, bejn l-10 ta' Jannar 2011 u s-7 ta' Frar, 2011, kif jirriżulta mid-DVD esebit fl-atti a fol. 82 tal-proċess, fejn l-intimata tidher diversi drabi tgħaffeġ il-karti f'idejha, titfa' l-flus fil-but, tirranġa l-flus qabel ma ddaħalhom fil-kartiera tagħha, kif ukoll iddeffes diversi prodotti kemm mediċinali, kif ukoll ta' sbuħija fil-basket tagħha, li ma jħallu ebda dubju fil-fehma ta' din il-Qorti tal-aġir delittwali da parti tal-intimata.

F'dawn il-proċeduri xehed l-avukat Kenneth Grima u rat ukoll il-faxxikolu ppreżentat mir-rikorrenti a fol. 90 et seq tal-proċess, li permezz tiegħu l-attriċi tressaq il-pretensjonijiet tagħha fl-ammont ta' €159,764, in kwantu għal €107,031 fi flus kontanti, (ibbażati fuq depożiti li saru fil-banek inqas matul is-snin 2009 u 2010 komparati mas-snin preċedenti) in kwantu għal €49,010 fi stock u €3,721 Mobile Cards (kif ċertifikati mill-accountant John Falzon), miżapproprjati mill-intimata.

Xehed f'dawn il-proċeduri wkoll Mario Vella, prodott mill-konvenuti, li qal li beda jaħdem full-time bil-paga, l-ispiżerija tal-mara tiegħu, fil-bidu tas-sena 2011, minn meta telqet l-intimata u li qabel kien ikun l-ispiżerija wara li kien jispiċċa mix-xogħol li kellu qabel ma' entita differenti. Huwa kien imur jgħin fl-ispiżerija tal-partner tiegħu billi jaqdi n-nies fl-ispiżerija, fl-aħħar tal-ġurnata jgħoddu l-flus, jiktbu fil-ktieb tas-sales l-ammont, jagħlaq u kull ġimgħa jiddeposta l-flus il-bank fil-kont kurrenti tal-attriċi, xi drabi magħha u xi drabi waħdu, iżda l-karti ta' depożitu dejjem kienet tieħu ħsiebhom l-attriċi. Qabel l-2011, ma kellux paga mal-attriċi, iżda kellu żewġ jobs li minnhom faddal tant, li kellu l-flus mwarrba biżżejjed biex meta kien ikun hemm bżonn, kien jieħu mill-flus tiegħu (li kien iżomm f'kont Visa Gold li għalkemm kien f'isem l-attriċi kien iħaddem hu biss) u jittrasferihom għall-kont tal-ispiżerija. Kontijiet f'ismu ma kellux iżda kien jopera bil-flus tiegħu minn dan il-kont tal-Visa Gold, peress li anke l-paga tiegħu kienet tidħol f'dan il-kont. Spejjeż li kienu jagħmlu ta' natura personali kienu jitħallsu kollha minn dan l-aħħar kont imsemmi u qatt ma kienu jsiru minn fuq il-kont tal-ispiżerija. Jgħid ukoll li l-accounts tal-ispiżerija u tal-beauty salon jinżammu separati u filwaqt li l-kont fl-ispiżerija joħroġ mill-cash register, fil-beauty salon, mill-ktieb tal-irċevuti jinħarġu bil-miktub. Iżda d-dħul tal-ispiżerija u tal-beauty salon kien jiġi depożitat fl-istess kont.

Jikkonferma li l-bilanċ f'dan il-kont beda nieżel peress li kull darba bdew jiddepositaw inqas milli suppost kienu qegħdin idaħħlu, meta l-intimata kienet qegħda tisraq il-flus, u allura filwaqt li l-flus sabiex jinxtara l-istock baqgħu ħerġin, kienu jidħlu flus fil-kont inqas minn qabel, minħabba s-serq. Mistoqsi kif huma ma ndunawx qabel, Vella jgħid li għall-ewwel kienu qegħdin jaħsbu li qegħdin jistokkjaw iżżejjed, imbagħad ħasbu li kienu n-nies li qegħdin jisirqu, u qatt ma għaddielhom minn rashom li kienet il-konvenuta peress li hija u l-attriċi kienu ilhom is-snin ħbieb kbar u għalhekk kienu jafdawha bl-għama u qatt ma ċċekjawha. L-accountant kien qallu li jridu jieħdu ħsieb li jiġi ppanċjat kollox fil-cash register, u meta kien ikun hemm hu wara l-5pm, kollox kien jiġi ppanċjat, iżda mic-CCTV irriżultalu li dak li kien qiegħed jinsteraq ma kienx jiġi ppanċjat. Mistoqsi r-raġuni l-għala damu sentejn biex tiġi nstallata CCTV, qal li ma ġietux f'moħħu jagħmilha qabel, peress li kienu jwaħħlu li kien żmien fejn in-negozju kien sejjer ħażin, iżda mbagħad iddeċieda li jinstalla s-sistema, peress li ma setgħux jifhmu x'kien qiegħed jiġri. Il-filmati beda jarahom filgħaxija, peress li is-sistema wara ftit ikun hemm over writing, fuq ta' qabel, Huwa dam ftit ma nduna x'kienet qegħda tagħmel l-intimata, peress li inizjalment huwa ma kienx qiegħed jiċċekkja lilha sakemmm raha tagħmel ċertu movimenti b'idejha, li ġagħluh jissuspetta fiha u għalhekk beda jiċċekkja dak li qegħda tagħmel l-intimata f'aktar dettal u beda jara s-sistema anke online mid-dar. Jirreferi għad-DVD li fih hemm mitt shot fejn l-intimata nqabdet tisraq kuljum fuq medda ta' tliet ġimgħat u għal-lista li għamel hu stess, fejn jiddeskrivi s-shots. Jispjega wkoll li ssetja r-recording sabiex kull darba tidher id-data u l-ħin waqt li qegħda tiġi rrekordjata. Huwa jikkonferma wkoll illi għalkemm kien hemm ftehim fejn l-intimata setgħet tieħu xi prodotti, b'dan illi kellha tinforma l-attriċi

u jitnaqqsilha mill-paga, mentri l-oġġetti li ħadet ma tnaqqas xejn mill-paga tal-intimata.

Vella jgħid li hu ħadem id-diskrepanzi li kien hemm fil-cash, iżda wara sar eżerċizzju wkoll mill-accountant. L-eżerċizzju mwettaq minn Vella kien jikkonsisti billi jara x'deposits saru, x'sales għamlu u wara qata' l-ispejjeż biex ikollhom indikazzjoni ta' fejn qegħdin, iżda l-figuri eżatti kellu l-accountant. Fil-każ tas-sales magħmula dawn kienu jittieħdu miz-Z readings. Dwar l-andament tal-ispiżerija fl-ewwel sitt snin tal-operat tagħha, ma setax jikkumenta peress li mhux accountant. Iżda jikkonferma li kien hemm differenza sostanzjali fin-numri tas-sales bejn meta kienet impjegata magħhom l-intimata u meta ma kenitx hemm hi. Jispjega wkoll li għalkemm kien hemm xi xaharejn jew tlieta wara li telqet l-intimata fejn il-kont baqa' nieżel peress li s-suppliers tal-prodotti kienu qegħdin jitħallsu b'lura, iżda miz-Z readings jirriżulta li wara, il-bejgħ reġa' beda jiżdied. Ċekkijiet għas-suppliers Karen kienet tippreparhom u tiffirmahom, iżda peress li kien ikollhom kreditu ta' bejn 30 u 90 jum, skond il-każ, kienu jħallsu skond il-vantaġġ mogħti lilhom.

Ġie prodott ukoll l-accountant tal-attriċi John Falzon quddiem din il-Qorti, li kkkonferma li kien jara x'kien il-bejgħ tal-attriċi miz-Z readings, ii-purchases mill-invoice u xi rċevuti fiskali li kienu jsiru, sabiex ikun jista' jimla l-formola tal-VAT. Għalkemm ma kienx laħaq għamel eżerċizzju meta xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, meta xehed quddiem din il-Qorti qal x'kien għamel u fil-fatt esebixxa eżerċizzju li sar minnu, dwar il-projections ta' 3% fuq medda ta' tliet snin, ibbażati fuq l-actual performance tal-ispiżerija (bejn l-2006 u l-2013), fejn għalkemm it-trend fis-snin 2009 u 2010, ma kenitx waħda downward, suppost kienet upward, madankollu, rriżultalu a cash deficiency ta' €96,876 għall-perjodu bejn l-2009 u l-2010. L-accountant fuq mistoqsija diretta ta' din il-Qorti, qabel li dawn il-kalkoli rigwardanti nuqqas fil-cash, kienu bbażati fuq it-teorija, iżda fil-każ tal-istock, kienu kalkoli proprji u pjuttost eżatti, minħabba l-istock take li kienet issir fiżikament fl-aħħar ta' kull sena.

Spjega wkoll li l-kalkoli tiegħu kienu bbażati fuq il-preżunzjoni li l-bejgħ li kien isir kien jiġi ppanċjat kollu fil-cash register (bl-eċċezzjoni ta' dak li nsteraq) u dan fuq l-informazzjoni li għaddietlu l-klijenta, peress li hu ma kienx ikun preżenti fl-ispiżerija. Spjega fid-dettal ta' kif inħadem l-istock, biex wasal għall-konklużjoni li l-physical stock take ma kienx qiegħed jaqbel mal-figura tal-closing stock.

Xehdet ukoll l-attriċi fejn spjegat li għalkemm qabel kienet għarusa ma' Mario Vella, fil-perkors tal-kawża żżewġu. Huma qatt ma nvestew f'xi proprjeta flimkien, ikkonfermat li l-proprjeta li kellha kienet dik li xtrat fis-sena 2001, qabel ma nvestiet fl-ispiżerija u ma xtrat ebda proprjeta oħra lanqas wara li żżewġu.

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ppreżentata mill-konvenuta Fiona Bondin, li kkonfermat li bdiet taħdem mal-attriċi għall-ħabta ta'

Novembru, 2008, fl-ispiżerija "The Cross" fi Blata l-Bajda. Għalkemm kienet tqatta' ċertu ħin fl-ispiżerija hija kienet taħdem hemm part-time bħala salesgirl u tgħid li ma kellhix responsabbilita tal-istores, fejn kien jinżamm l-istock tal-mediċini u oġġetti oħra li tbiegħ l-ispiżerija. Kienet tidħol hemm bil-permess tal-attriċi u dan meta jonqsu l-affarijiet minn fuq l-ixkaffef u meta kien ikun hemm bżonn li ċertu mediċini jingħataw mill-ispiżjara, jew kienet toħroġ l-attriċi sservi n-nies hi jew kienet tidħol ġewwa ssaqsiha. Kważi kull filgħaxija kien jiġi wkoll dak iż-żmien, l-għarus tal-attriċi, (llum ir-raġel tagħha) biex iservi lin-nies u jirċievi l-ħlas bħalma kienet tagħmel hi. L-ordnijiet kienu jsiru mill-attriċi, iżda meta kienet tiġi l-merkanzija, dan kien jiffirma għaliha wieħed minnhom it-tlieta: l-attriċi, Mario Vella jew hi stess. Tal-merkanzija kienu jitħallsu daqqa b'ċekk u daqqa fi flus kontanti u f'dan l-aħħar każ ma kien jiġi reġistrat xejn fil-cash register, iżda kienu jagħmlu karta żgħira ta' dak li tħallas, li mbagħad kienet iżżomm l-attriċi. Fl-aħħar tas-sena kkonfermat li kienet tgħin lill-attriċi fl-eżerċizzju li kien isir tal-istock take, iżda l-attriċi qatt ma qaltilha li sabet xi nuqqas fil-prodotti, iżda kienet tgħidilha jekk il-bejgħ kienx qiegħed jonqos jew jiżdied. Tallega wkoll li l-attriċi qaltilha li kemm kien ilu ma jaħdimx Mario Vella, l-ispiżerija kienet sejra lura, apparti li kien hemm ġranet fejn hija ma ħadmitx u l-attriċi kienet qaltilha li sabet l-affarijiet neqsin relatati ma' dak il-perjodu li hija kienet nieqsa. Issemmi wkoll li l-attriċi kienet tgħidilha li l-ewwel ma tħallas kienu €900 kera fix-xahar u li kellha tieħu lura somma sostanzjali ta' flus mingħand iz-ziju tagħha. Hija tgħid li kellha arranġament li setgħet tieħu l-oġġetti mill-ispiżerija u kienet tħallas tagħhom jew jinqatgħulha mill-paga. Iżda tammetti li kien hemm xi oġġetti li hija ħadet, mingħajr ma qalet lill-attriċi, kemm damet taħdem fl-ispiżerija, iżda li dawn l-oġġetti ma kenux jaqbżu l-€1,000, peress li dawn kienu oġġetti żgħar.

In kontroeżami, il-konvenuta tikkonferma li kienet ħabiba kbira tal-attriċi u għalkemm taf bl-eżistenza tal-videos mressqa mill-kontro-parti, tgħid li hi ma rathomx u li apparti oġġetti li ħadet b'valur ta' €1,000, mingħajr ma ħallset tagħhom, tiċħad li għamlet xi ħaġa oħra li biha setgħet iddanneġġjat l-attriċi. Tiċħad li ħadet ii-flus mit-till jew li ħadet kaxex ta' mediċini fil-basket tagħha. Skond il-konvenuta l-attriċi kienet tgħidilha li l-affarijiet kienu sejrin ħażin fl-ispiżerija, iżda dan fil-fehma tagħha kien peress li Mario Vella kien nieqes mix-xogħol u għalhekk in-negozju kien sejjer lura, iżda wara kollox l-attriċi ma kenitx tgħidilha kollox.

Wara talba appożita, li permezz tagħha, d-difensur tal-konvenuta talab li jressaq bħala prova rapport ta' accountant ex parte sabiex jirribatti l-provi ta' danni allegatament imġarrba mill-attriċi, liema talba kienet milqugħa, fl-aħħar żewġ seduti xehed l-awditur Nicolai Balzan li għamel rapport fuq il-Finanzi ta' Karen Sciberras, esebit bħala Dok. NB1, a fol. 389 tal-proċess. Huwa spjega li għalkemm xtaq jagħmel studju komparativ, huwa ingħata aċċess biss għad-dokumenti tas-snin 2009 u 2010 u stabilixxa li kien hemm losses miġjuba 'l quddiem mis-snin ta' qabel fl-ammont ta' €100,000, u li kien hemm profitti ta' €12,000 għas-sena 2009, u li għas-sena 2010 kien hemm rappurtat telf. Il-percentaġġ

ta' profitt rappurtat għal dawn is-sentejn partikolari ta' 16% u 11.9% rispettivament kienu relattivament baxxi. Ikkonferma li kien hemm numru ta' injections minn kontijiet ta' banek oħra, fit-total ta' €56,000, (hekk kif elenkati f'Dok. NB1) liema cash injections ċertament saru sabiex jinxtara l-istock, apparti depożitu ta' żewġ ċekkijiet fl-ammont ta' €3,500 u €7,000 rispettivament. Għalhekk ma jistax jingħad li fl-istess ħin, kien hemm cash injection u diskrepanza fl-istock u jingħaddu flimkien, altrimenti dak isarraf f'double accounting u allura wieħed kellu jieħu jew wieħed jew l-ieħor sabiex jasal għal diskrepanza attwali. Għalhekk huwa jispjega li l-fatt li sab li kien hemm telf preċedenti ta' €100,000 u f'dawk is-sentejn li ħadmet il-konvenuta, irriżulta qliegħ ta' €11,000, jaraha diffiċli li kien hemm serq ammontanti għal €100,000. Dan ix-xhud ingħata permess mill-Qorti sabiex ikollu aċċess għas-snin preċedenti u għas-snin sussegwenti sabiex ikun jista' jagħti stampa aktar ċara ta' dak li kellu sa' dak il-mument u dan fl-aħjar interess tal-partijiet.

Rat it-tieni rapport ta' Dr. Nicolai Balzan esebit fl-atti a fol. 392 tal-proċess li fih jikkonkludi:

> "Finally, the total net deposits from 2007 onwards (prior statements were not available) always exceeded declared sales for the year inclusive of VAT. This is after having deducting cash injections made by Mr. Mario Vella into the business' bank accounts. This points at under-declaration of sales for VAT and Income Tax purposes since more money was deposited than generated.
>
> Attached are detailed sheets listing the findings from the financial records of the business substantiating the above. From the attached schedules, the inconsistencies and unreliability in the accounting of the business is evident. My conclusions on the issue are that the accounting records are unreliable to substantiate the claim made by Ms. Sciberras and show that there have been under-declarations made by the business for VAT and taxation purposes and in the light of this it is impossible to quantify the value allegedly stolen by Ms. Bondin".

Meta mistoqsi dwar il-pretensjonijiet attriċi, huwa jixhed li filwaqt li l-kalkoli kellhom isiru a bażi tal-cost price, mentri mill-file li ra, il-kalkoli saru fuq is-selling price. Dan apparti li normalment l-average margin tal-ispiżjara huwa ta' bejn 20 u 22%, mentri fil-każ tal-attriċi rriżultalu li l-percentaġġi bejn l-2005 u l-2007 kienu jvarjaw bejn 18.79% u 6.93%, li huma ferm inqas mill-marġin li huwa normali fis-suq, fit-2008 kien hemm negative gross profitt ta' 2.74%, li bażikament ifisser li l-ispiżerija kienet qegħda topera b'telf. Imbagħad bejn l-2009 u l-2010 meta kien hemm impjegata l-konvenuta dan il-percentaġġ tela għal 16.14% u 11.91% rispettivament, li kien xorta wieħed baxx. Sussegwentement il-percentaġġi fl-2011 u 2012 sparaw 'il fuq għal 35.45 u 37.76% li min-naħa l-oħra huma esaġeratament għoljin. Minn din l-analiżi kkonkluda, li fis-snin ta' qabel kien qiegħed jiġi dikjarat inqas introjtu għal skopijiet ta' taxxa. Dan, fil-fehma tiegħu, jirriżulta wkoll mill-fatt li dejjem kien qiegħed jiġu depożitati flus aktar milli ddikjarati, (dan wara li tnaqqsu l-

cash injections magħmula mis-sur Vella) li bażikament jindika bejgħ mhux iddikjarat. Il-pretensjoni attriċi ammontanti għal €109,000 hija fil-fehma tiegħu esaġerata u li huwa impossibli li tikkwantifika l-miżapproprjazzjoni li seħħet bil-figuri li hemm. L-uniku mod li wieħed jista' jkollu stampa ċara sabiex tinħadem figura eżatta huwa billi jsiru l-accounts mill-ġdid billi tmur lura, terġa ddaħħal ix-xiri kollu, terġa ddaħħal il-bejgħ kollu b'mod reali jew tassumi li d-depożiti li saru jirrappreżentaw il-bejgħ kollu li sar, li jista' jkollu l-implikazzjonijiet tiegħu.

Ma sar ebda kontroeżami ta' dan ix-xhud da parti tal-attriċi.

**Konsiderazzjonijiet**

In tema legali jingħad li l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-parametri tal-azzjoni delittwali u l-effetti li jitnisslu minnha. L-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili jippreskrivi illi:

> "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk".

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li l-elementi rikonoxxuti ta' azzjoni delittwali huma tlieta: "(1) un fatto illecito (2) l'imputabilita' di questo fatto al suo autore (3) un danno cagionato da questo fatto" (**BaudrieLacantinerie: Delle Obbligazioni**, Vol. IV p.555).

Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-liġi stess tipprovdi li l-proċeduri kriminali u dawk ċivili, dwar l-istess fatt, jitmexxew għal rashom. Fil-kawża **Carmelo Camilleri vs Gejtu Cassar**, deċiża fl-1 ta' Diċembru 1955, ingħad hekk:

> "Mill-prinċipju sanċit fl-Artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri tal-eżerċizzju taż-żewġ azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili għandhom isiru ex integra quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali; anke ex integra quddiem il-Qorti Kriminali; pero xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, għall-fini ta' attendibilita' tagħhom u tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja".

Minbarra dan, huwa magħruf u aċċettat li l-grad tal-prova li għandha ssir fiż-żewġ proċeduri hija differenti wkoll. Kif kellha okkażjoni din il-Qorti, diversament preseduta, tafferma fis-sentenza tagħha tat-28 ta' April 2004, fl-ismijiet **Giordmaina Medici vs Rizzo**:

> "... il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġjonevoli, fil-kamp ċivili huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali rikjesta f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet".

Hekk ukoll fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence Cauchi et vs Dr Patrick Spiteri et** deċiża fil-11 ta' Novembru, 2011, ingħad mill-Qorti tal-Appell illi:

> "Fil-kamp ċivili l-gudikant għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex u mhux fuq sempliċi possibiltajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Dak li hu neċessarju hu jekk spjegazzjoni hix verosimili".

Il-Qorti għandha tagħti l-ġudizzju tagħha fuq dak li jirriżultaha mill-atti. Inoltre kif ritenut minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Settembru, 2013, fl-ismijiet **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**:

> "illi huwa aċċettat li biex persuna tista' tinsab responsabbli għall-ħsara li ħaddieħor ikun ġarreb bl-għemil ta' dik il-persuna, m'huwiex meħtieġ li l-għemil waħdu ta' dik il-persuna ikun il-kawża waħdanija tad-dannu mġarreb, għaliex biżżejjed jintwera s-sehem ta' dik il-persuna bin-negliġenza jew bir-rieda tagħha biex jintrabat magħha l-piż tar-responsabbilta' għal dak li jkun ġara. Iżda biex is-sehem ta' dik il-persuna jnissel il-ħtija u r-responsabbilta' li tiġi magħha, jeħtieġ jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-liġi) li dik il-ħtija nisslet id-dannu attwalment imġarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ppruvat b'mod ċert. Ir-rabta tal-kawżalita hija meħtieġa tabilfors";

Filwaqt li din il-Qorti taqbel fis-sħiħ ma' dawn il-prinċipji u tagħmilhom tagħha, jingħad ukoll li fil-każ odjern jeħtieġ li l-parti attriċi mhux biss tipprova l-fatt jew l-egħmil li bih tixli lill-konvenuti, iżda wkoll li kien l-egħmil tagħhom, li wassal għall-ħsara mġarrba minnha.

Applikati dawn il-prinċipji għall-fatti riżultanti mill-atti fil-kawża odjerna, jingħad li l-attriċi seħħilha tipprova sal-grad meħtieġ mill-liġi, li l-konvenuta kienet tassew tisraq kemm il-flus, kif ukoll oġġetti oħra varji mill-ispiżerija tagħha u hawnhekk issir referenza għall-prova nkonfutabbli li saret permezz tad-DVD, li din il-Qorti kellha okkażjoni tara u minnu jirriżulta ċar li l-konvenuta kienet qegħda twettaq l-imsemmija miżapproprjazzjoni, aġir illegali li wassal lill-attriċi sabiex ċertament issofri danni.

Huwa ritenut li kull impjegat għandu jservi li l-prinċipal tiegħu bil-bona fide u li jkun leali fil-qadi ta' dmirijietu u dana peress li apparti d-dmirijiet kuntrattwali, impjegat huwa wkoll meqjus bħala fiduċjarju meta jkun fdat bir-responsabblita tad-dħul li jkun qiegħed jagħmel dak in-negozju (artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili). Meta l-impjegati jkollhom kontroll fuq il-qliegħ li jkun qiegħed jagħmel negozju, ċertament l-istess impjegati jkollhom dmir li jħarsu l-interessi ta' l-istess negozju li jkun qiegħed jipprovdilhom l-impieg. (Ara f'dan il-kuntest is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, tas-16 ta' Jannar, 2015, fl-ismijiet **Marthese Abela et vs Nicola Winter**).

Min-naħa l-oħra, jirriżulta li l-intimat Vincent Bondin qatt ma kien impjegat mar-rikorrenti u li, kuntrarjament għall-intimata l-oħra, ma ttieħdu l-ebda proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu. Il-Qorti wara li għarblet il-provi prodotti tagħraf illi ma jirriżulta ebda prova da parti tal-attriċi li turi l-involviment tal-intimat Vincent Bondin fil-kawża odjerna.

Għalhekk isegwi li l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati tirriżulta mistħoqqa.

Trattat il-kap ta' responsabbilta, imiss l-eżerċizzju tal-kwantifikazzjoni tad-danni. Id-diffikulta li rrinfaċċat din il-Qorti, huwa kif għandu jiġi kkalkolat l-ammont ta' flus jew il-valur tal-oġġetti miżappropriati da parti tal-konvenuta, li jwassal għal quantum tad-danni li bagħtiet l-attriċi, konsegwenza tal-aġir illeċitu da parti tal-konvenuta.

Permezz tal-video ġie stabbilit eżatt x'kienet qegħda tagħmel il-konvenuta. Konsiderazzjoni li trid issir hija li dan il-video kien qiegħed jirrifletti l-aġir tal-konvenuta, li fuq medda ta' 27 ġurnata kien hemm 20 minnhom li fihom serqet, xi drabi aktar minn darba fl-istess ġurnata, kif ukoll l-elenku ta' affarijiet u flus miżappropriati mill-konvenuta, hekk kif imressqa mill-attriċi, li ma ġewx kontrastati b'xi prova konvinċenti. Mill-osservazzjoni li saret tal-video, jirriżulta li l-aġir tal-konvenuta jindika li hija kienet tisraq ripetutament u mhux xi darba jew darbtejn. Tqis ukoll inverosimili u xejn kredibbli dak li tixhed il-konvenuta li hija kienet ħadet biss mingħand l-attriċi oġġetti li jiswew b'anqas minn €1,000 u mhux flus meta mill-istess video tac-CCTV installat fl-ispiżerija, esebit in atti, jirriżulta mod ieħor.

Għalkemm jista' jkun kif tgħid l-attriċi li dan l-aġir da parti tal-konvenuta, kien qiegħed jitwettaq sa minn meta daħlet taħdem magħha, madankollu l-provi rigward id-danni mġarrba, mressqa mill-attriċi huma al kwantu kunfliġġenti. Dan qiegħed jingħad mhux biss a bażi tal-istess provi mressqa mill-attriċi, li fil-każ tad-diskrepanza fil-cash, li a fol. 75 l-accountant tal-attriċi jgħid li kien fl-ammont ta' €117,235, a fol. 90 l-attriċi tikkontendi li l-ammont misruq mill-konvenuta huwa ta' €107.031, filwaqt li l-accountant tagħha jixhed li dan kien jammonta għal €96,786 (a fol. 303 tal-proċess), iżda wkoll a bażi ta' kunsiderazzjonijiet imressqa mill-awditur maħtur ex parte da parti tal-konvenuta, kif imsemmija qabel, ritenuti xierqa minn din il-Qorti. Hekk ukoll is-stock shortage li bih l-attriċi tirritjeni l-konvenuta responsabbli, jvarja bejn €41,323 u €49,012.

In vista tar-rapporti kontrastanti li ressqu bħala prova l-kontendenti fil-kawża, huwa ritenut illi d-danni mġarrba mill-attriċi, konsegwenza tal-miżappropjazzjoni mwettqa da parti tal-konvenuta, għandhom jiġu likwidati arbitrio boni viri u dan minħabba d-diffikultajiet li ssemmew qabel. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tad-29 ta' April, 2016, fl-ismijiet **Wilhelmina Abela noe vs Alex Ciantar et**:

> “Hu veru li l-Qrati għandhom il-fakolta jillikwidaw danni arbitrio et boni viri; fil-fatt, fil-kawża Attard v. Frendo, deċiża minn din il Oorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Jannar, 2003, ġie osservat illi:
>
> "Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti jidhrilha li għandu jkun hemm temperament bl-applikazzjoni tar-regola stabbilita anke minn ġurisprudenza magħrufa illi fejn il-provi fir-rigward ta' l-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f’każ ta' nuqqas ta' mezzi probatorji l-ammont għandu jiġi ffissat ex aequo et bono mill-ġudikant (VOL.XXXV.iii.615).
>
> Jibqa’ l-fatt, pero, li kien dover tas-soċjeta attriċi li tipprova, b'mod kemm jista' jkun preċiż, l-ammont ta' danni li ġarbet bl-aġir tal-parti l-oħra”.

F'dan ir-rigward, jingħad illi l-provi attriċi rigward il-pretensjonijiet tagħha għas-somma dovuta mill-konvenuta, mhumiex daqstant konvinċenti għall-estent tal-ammonti reklamati minnha u għalhekk fil-likwidazzjoni li trid issir, qegħdin jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet rispettivi milħuqa mill-professjonisti li ressqu r-rapporti tagħhom għall-klijenti rispettivi tagħhom, kif ukoll il-fatt li ġie ppruvat indubbjament li fuq medda ta' 27 ġurnata, il-konvenuta serqet żgur mal-20 darba, li jwassal lill-Qorti għall-konvinċiment li l-aġir tal-konvenuta tabilħaqq kien ilu jiġi perpetrat għal ċertu tul ta' żmien u b’mod regolari. Tenut kont ta' dak li ngħad li jista' jkun rilevanti, l-Qorti tħoss li ammont raġonevoli li għandu jiġi likwidat favur l-attriċi, hu dak ta' €50,000”.

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta Fiona Bondin li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti:

> “...jogħġobha fil-waqt li żżomm ferma l-ewwel parti tad-deċiżjoni msemmija fejn nħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju Vincent Bondin tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta’ Ottubru 2016 fl-ismijiet premessi billi jew tiddikjarha nulla u terġa’ tirrimettiha lill-Ewwel Qorti sabiex issir l-likwidazzjoni korretta u ġusta u alternattivament li tiċħad t-talbiet tal-attriċi rikorrenti u tilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-esponenti konvenuta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imsemmija attriċi rikorrenti”.

6. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

8. Illi f'din il-kawża jirriżulta li r-rikorrenti hija spiżjara u tiġġestixxi spiżerija fil-Ħamrun. Is-soċjeta` attriċi qed tallega li tul iż-żmien li l-konvenuta kienet impjegata tagħha kienet tisraq il-flus u anke *stock*. Li l-konvenuta kienet responsabbli ta' approprijazzjoni indebita rriżulta mill-*cameras* li s-soċjeta` attriċi poġġiet fil-ħanut tagħha, u fil-verita`, fid-dawl ta' din il-prova, li kienet waħda skjaċċanti, il-konvenuta mhux qed tikkontesta aktar is-sejbin ta' responsabbilita`, iżda l-kontestazzjoni tagħha hi relatata mad-danni kif likwidati mill-Ewwel Qorti. L-attriċi ressqet prospett fejn qed tirriklama total ta' €159,764 u ressqet bħala xhud l-*accountant* tagħha li kkonferma din il-figura. Il-konvenuta qabdet *accountant* hi li eżamina l-kotba tal-kumpanija attriċi. Dan għamel eżami dettaljat tal-*accounts* tal-kumpanija u ħejja rapport b'din il-konklużjoni:

> *"Attached are detailed sheets listing the findings from the financial records of the business substantiating the above. From the attached schedules the inconsistencies and unreliability in the accounting of the business is evident. My conclusions on the issue are that the accounting records are unreliable to substantiate the claim made by Ms. Sciberras and show that there have been under-declerations made by the business for VAT and taxation purposes and in light of this it is impossible to quantify the value allegedly stolen by Ms. Bondin".*

9. Il-konvenuta argumentat li s-soċjeta` attriċi tant kellha taħwid u ħabi fil-kotba tagħha li ma rriżultax kemm tilfet. Hi qed tgħid li darba li d-dannu ma ġiex ippruvat, u kien jinkombi lis-soċjeta` attriċi li tagħmel dan, isegwi' li ma għandha tħallas ebda danni. L-Ewwel Qorti kienet konxja tal-

problema li kellha quddiemha u ddeċidiet li tillikwida kumpens *arbitrio et boni viri* u ffissat kumpens fis-somma ta' €50,000.

10. Il-konvenuta appellat mis-sentenza u targumenta li l-Ewwel Qorti ma spjegatx kif waslet għas-somma ta' €50,000. L-Ewwel Qorti qalet biss li qieset dak li hu rilevanti u determinat somma li dehrilha kienet ġusta fiċ-ċirkostanzi.

11. Is-soċjeta` attriċi aċċettat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, avolja hi talbet €159,764 u ngħatat terz ta' dak li talbet, u ma ressqet ebda forma ta' appell u dehret kuntenta bil-figura li ffissat l-Ewwel Qorti. Dan jagħti ndikazzjoni li dak li qal l-*accountant* tal-konvenuta, li l-kotba kienu manipulati "*for VAT and taxation purposes*", għandu mis-sewwa. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma tarax li għandha tivvantaġġja lis-soċjeta` attriċi meta għandha provi li l-kotba tagħha mhux ta' min joqgħod fuqhom. Min-naħa l-oħra, jirriżulta pruvat li l-konvenuta hija ħatja ta' approprijazzjoni indebita, u ma tarax li jkun sew li din ma tħallasx kumpens għat-telf li żgur ikkaġunat lis-soċjeta` attriċi.

12. Fid-dawl ta' problemi ta' dan it-tip, il-qrati tagħna soliti jirrikorru għall-fissazzjoni ta' kumpens *arbitrio et boni viri* biex b'hekk tipprova toħloq bilanċ biex ebda parti ma tieħu vantaġġ fuq oħra. Hu veru li huwa obbligu tas-soċjeta` attriċi li tipprova d-danni, u wieħed jista' jgħid li hu t-tort tagħha li dan ma jistax jiġi kwantifikat bi preċiżjoni. Hu pero`, veru

wkoll li l-konvenuta serqet flus ħaddieħor u din trid, allura tikkompensa l-ħsara li għamlet. Kif fil-fatt qalet din il-Qorti fil-kawża "**Warren v. Portelli et**" deċiża fis-6 ta' Lulju, 2007:

> *"Il-Qorti tirrileva li f'din il-kawża, ma saret ebda talba għal ħatra ta' esperti biex isir kalkolu preċiż tal-frottijiet u ta' l-ispejjeż utili, u s-soċjeta` appellanti ma tistax issa tilmenta bin-nuqqas ta' ħatra ta' esperti għall-fini tal-kalkolu pretiż. Rinfaċċata b'din is-sitwazzjoni, il-Qorti għamlet sew li mxiet ex aequo et bono. Kif qalet il-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni f'sentenza tas-27 ta' Marzu, 1997 (każ numru 2745),*
>
> > *"il giudice deve, anche d'ufficio, procedere alla liquidazione equitativa dei danni in cui riconosce l-esistenza, tanto nell'ipotesi in cui sia completamente mancata la prova del lora ammontare, a causa dell'impossibilita` di fornire congrui ed idonei elementi a riguardo, quanto nell'ipotesi in cui, pur essendosi svolta attivita` processuale per fornire tali elementi, per la notevole difficolta` di una precisa quantificazione, non siano ritenuti di sicura efficacia".*
>
> *(ara għall-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, il-kawża S.M.W.Cortis Ltd v. Grima deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Novembru, 2006)".*

Anke f'din il-kawża ma ntalbitx in-nomina ta' perit ġudizzjarju, u ż-żewġ partijiet straħu fuq *accountant ex parte* li taw rapporti konfliġġenti għal xulxin dwar l-ammont ta' danni.

13. Dan l-aggravju jrid ta' bilfors jitqies fil-qafas taċ-ċirkostanza li l-Ewwel Qorti kellha tasal għal-likwidazzjoni *arbitrio et boni viri*. Dik il-Qorti tat raġunijiet tajbin biżżejjed għalfejn kellha tirrikorri għal dik l-għamla ta' eżerċizzju. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti għaliex fiċ-ċirkostanzi fejn l-ammont pretiż ma jistax jirriżulta b'mod preċiż, jaqa' fuq kull qorti d-dmir li tillikwida *ex aequo et bono,* u l-Qorti jifdlilha dejjem is-setgħa diskrezzjonali li tillikwida l-ammont pretiż fuq il-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva.

14. Din il-Qorti eżaminat il-provi u tara li hemm fuq hiex tista' tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Veru li jidher li hemm xi nuqqasijiet fil-kotba tal-kumpanija attriċi, kif irrelata l-*accountant* tal-konvenuta, pero`, meta ssib li fil-*cash deposits* hemm diskrepanza ta' 'il fuq minn €63,000, tara li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tillikwida kumpens ta' €50,000 huwa wieħed ġust. Meta tqis li jirriżulta li nsteraq kwantita` ta' *stock* tul is-snin li l-konvenuta damet taħdem hemm, il-figura li llikwidat l-Ewwel Qorti xxaqleb lejn il-konservattiv, u għalhekk tqis li l-aggravju tal-konvenuta dwar il-*quantum* tad-danni m'għandux jiġi milqugħ.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuta Fiona Bondin billi tiċħad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-Ewwel Qorti.

L-ispejjeż in prim istanza jitħallsu skont kif stabbilit l-Ewwel Qorti, filwaqt li dawk marbuta ma' din it-tieni istanza jitħallsu kollha mill-konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm